MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 2175/2004

**Citadel Insurance Plc Noe et
Vs
Zammit Martina**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fis-17 ta' Novembru, 2004 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut iħallas is-somma ta' Lm 164.98 (mija u erba' u sittin Lira Maltija u tmienja u disgħin ċenteżmu) rappreżentanti inċident stradali fis-Swieqi, nhar il-11 ta' Lulju, 2002.

Fl-Avviż tat-talba intqal li:-

Prevja li tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li ġara fi Triq is-Swieqi, Swieqi fil-11 ta' Lulju, 2002, li fih kienu nvoluti il-vettura GAC 425 proprjeta' ta' l-attur Anthony Bonillo, u l-vettura TNZ 333 misjuqa mill-konvenuta, u dan stante li l-inċident seħħ unikament minħabba negliġenza, trascurra u nuqqas

ta’ ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta’ mija u erba’ u sittin lira Maltin u tmienja u disgħin ċenteżmu (Lm164.98), rappreżentanti danni sofferti u spejjeż inkorsi mill-atturi in konnessjoni u bħala kaġun ta’ l-inċident premess.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali interpellatorja u dik kontestwalment mibgħuta ma’ dan l-avviż a tenur tal-Kap. 104, bl-imgħaxijiet legali mid-data ta’ l-ittra uffiċjali kontra l-konvenut li hu minn issa nġunt in subizzjoni.

Ra r-risposta fejn ingħad:-

Illi l-inċident mertu ta’ din il-kawża ma seħħx tort tal-konvenuta iżda tort tas-Sur Anthony Bonello u għalhekk il-pretensjonijiet tas-soċjeta’ assikuratriċi attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi jirriżulta illi f’din il-kolliżjoni, l-istess konvenuta kienet għaddejja minn quddiem dik misjuqa ossia dik assigurata mas-soċjeta’ attriċi.  In vista li dik it-triq kinet magħluqa, dina waqfet għamlet il-manuvra bir-reverse u b’din il-manuvra laqtet lill-vettura assigurata mis-soċjeta’ attriċi. Din tallega li meta kienet qed tirriversja ma kien hemm ħadd warajha u l-vettura l-oħra ppruvat taqbiżha mix-xellug sabiex tour fit-triq tagħha.

Da parti tagħha x-xufiera tal-vettura assigurata mas-soċjeta’ attrici tallega illi hi kienet wara l-vettura misjuqa mill-istess konvenuta u waqfu t-tnejn wara xulxin.  It-triq kienet magħluqa, dina rriversjat u waqt li kienet qed tagħmel din il-manuvra dina ppruvat tiġbilha l-attenzjoni

billi bdiet iddoqq il-ħorn, iżda dina ma waqfitx u daħlitilha fuq il-lemin tagħha.

It-Tribunal jirrileva illi manuvra ta' reverse hija manuvra eċċezzjonali għalkemm użata regolarment, f'ċerti ċirkostanzi u sitwazzjonijiet ċirkoskritti. In vista illi vettura normalment tinstaq bil-quddiem, min se jagħmel il-manuvra biex ireġġi lura, irid jieħu prekawzjonijiet aktar sabiex meta jirriversja ma jikkostitwix ruħu ta' periklu għal terzi persuni w utenti oħra ta' l-istess triq. Meta il-konvenuta ġiet b'lura, dina ma rat lil ħadd. Dan jindika li ma żammitx a proper look out fuq il-manuvra tar-reverse u fit-tieni lok ma kenitx qegħda tieħu dawk il-miżuri neċessarji sabiex ma tinvolvix terzi persuni u vetturi oħra.

Illi l-kolliżjoni odjerna ssuċċidiet unikament bil-manuvra tagħha u jiġi ribadit illi din il-manuvra ta' reverse li kienet qed tagħmel fit-triq sempliċement mhux bi stop biex tipparkja jew tidħol fil-garaxx tad-dar iżda biex tibdel id-direzzjoni tat-triq. Allura, in vista li huwa naturali li jkun hemm vetturi oħra warajha, messha xeħtet aktar attenzjoni ta' xi vetturi li setgħu jiġu minn warajha.

It-Tribunal ma jirraviża xejn fil-komportament tax-xufier tal-vettura attriċi u ma hemmx lok ta' kontribuzzjoni għas-suċċessjoni tas-sinistru.

Billi l-quantum tad-danni ma ġiex kontestat, qed jiġi akkordat.

Jiddeċiedi għalhekk billi jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuta, jilqa' t-talbiet attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi, s-somma ta' mija u erba' u sittin lira Maltija u tmienja u disgħin ċenteżmu (Lm 164.98), bl-ispejjeż u nteress mid-data tal-preżentata sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------